L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## Il-vuċi tiegħek qed tagħmel differenza

#EUTakeTheInitiative



© Pim Leijen

# “Fur Free Europe”

**L-għadd ta’ inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li rnexxielhom jilħqu l-għadd meħtieġ ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ biex il-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni qed ikompli jikber. Xi wħud irriżultaw f’leġiżlazzjoni ġdida filwaqt li oħrajn kellhom riżultati sinifikanti oħra. Kollha kemm huma bnew networks li jikkonċernaw kwistjonijiet u żiedu l-għarfien kemm fost iċ-ċittadini kif ukoll fost dawk li jfasslu l-politika.**

**X’inhi s-sitwazzjoni attwali fl-UE rigward irziezet tal-annimali mrobbija għall-fer?**
Huwa stmat li hemm madwar 1,000 razzett tal-annimali mrobbija għall-fer li huwa attiv fl-UE għall-mink, għall-volpi u għar-racoon, b’madwar 7.7 miljun annimal.
Bħalissa m’hemm l-ebda leġiżlazzjoni speċifika tal-UE dwar il-benessri tal-annimali li tkopri l-annimali miżmuma għall-produzzjoni tal-fer. Madankollu, l-annimali fl-irziezet tal-annimali mrobbija għall-fer huma koperti mir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali miżmuma għal skopijiet ta’ trobbija.

## L-GĦAN TAL-ORGANIZZATURI

Madwar l-Unjoni kollha, jiġu pprojbiti bil-liġi dawn li ġejjin:

- iż-żamma u l-qtil ta’ annimali għall-iskop uniku jew prinċipali tal-produzzjoni tal-fer
- it-tqegħid ta’ fer tal-annimali mrobbija apposta, u ta’ prodotti li jkun fihom tali fer, fis-suq tal-UE.

## INVOLVIMENT

**1,502,319**-il firma validata bis-soll milħuq fi 18-il Stat Membru tal-UE.

## SEGWITU

Fit-tweġiba tagħha għall-IĊE, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tivvaluta bir-reqqa n-neċessità u l-fattibilità ta’ projbizzjoni fuq it-trobbija tal-annimali għall-fer u fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-fer fl-UE. Fuq il-bażi ta’ parir xjentifiku mill-EFSA [l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel], li għandu jasal sa Marzu 2025, u evalwazzjoni ulterjuri, il-Kummissjoni se tikkomunika sa Marzu 2026 jekk tqisx li jkun xieraq li tipproponi projbizzjoni, wara perjodu ta’ tranżizzjoni. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll jekk tiħux miżuri oħra biex tiżgura l-benessri tal-annimali mrobbija għall-fer.

Sadanittant, il-Kummissjoni qed tieħu diversi miżuri fir-rigward tal-benessri, tas-saħħa pubblika u tal-impatti ambjentali tat-trobbija tal-annimali għall-fer.

**Marzu 2022** — **L-inizjattiva ġiet irreġistrata**

**Ġunju 2023** — **L-inizjattiva ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni**

**Ottubru 2023** — **Saret seduta pubblika fil-Parlament Ewropew**

**Diċembru 2023** — **Il-Kummissjoni tipprovdi tweġiba uffiċjali**

## ĦU L-INIZJATTIVA

**Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**
**l-għodda tiegħek għat-tiswir tal-politika Ewropea**

UNJONI EWROPEA

**#EUTakeTheInitiative**
**https://citizens-initiative.europa.eu/_mt**

**Segwi l-aġġornamenti mill-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hawnhekk:**
https://citizens-initiative.europa.eu/news_mt
**Ara l-Istejjer ta’ Suċċess dettaljati tagħna fil-Forum tal-IĊE hawnhekk:**
https://citizens-initiative-forum.europa.eu/learn/success-stories_mt

© L-Unjoni Ewropea, 2023. L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat diment li jiġi rikonoxxut is-sors.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija regolata mid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Print ISBN 978-92-68-09863-9 DOI:10.2792/642030 KA-05-23-454-MT-C
PDF ISBN 978-92-68-09866-0 DOI:10.2792/050874 KA-05-23-454-MT-N